5 ta' Mejju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tagħha r-Reġina *versus* Leonardo Cutajar

**Prova — Xhieda — Mara tal-Akkużat — Art. 629 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk xhud interessat, jew li jiġi mill-akkużat, għandux jixhed jew le, jiddependi mhux ġa miż-żmien li jkun għadda bejn il-fatt u l-jum meta jiġi biex jixhed, imma mir-riluttanza li jista' jħoss li jixhed kontra persuna tal-familja; u t-talba li xhud ma jixhedx hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti.*

*Il-mara ta' l-akkużat hija, skond il-liġi, ammessa tixhed, meta r-reat ikun ġie kommess kontra tagħha. Fil-każ preżenti, it-talba tagħha biex ma tixhedx kontra l-akkużat żewġha ġiet miċħuda mill-Qorti, fuq il-motiv li dik it-talba ma kienetx radikata fuq ebda riluttanza, u lanqas fuq xi raġuni ta' ksur tal-paċi familjari, imma sempliċement għax kien għadda ż-żmien bejn meta sar il-fatt u meta dik il-mara ġiet imsejħa biex tixhed.*

Il-Qorti; — Rat li, meta dehret Ġanna Cutajar, il-mara ta' l-akkużat, li kontra tagħha sar id-delitt odjern, talbet

li ma tixhedx; mhux minħabba xi riluttanza li tixhed, imma l-għaliex qalet li għadda ż-żmien;

Peress li, jekk xhud interessat, jew *li jiġi mill-akkużat*, għandux jixhed jew le jiddependi mhux ġa miż-żmien li jkun għadda bejn il-fatt u l-jum meta jiġi biex jixhed, iżda mir-riluttanza li jista' jħoss li jixhed kontra persuna tal-familja;

Peress li l-ammissjoni għat-talba li xhud ma jixhedx ġiet varjament u diversament użata minn dina l-Qorti, peress li l-istess hija mħollija fid-diskrezzjoni tagħha;

Peress li f'dan il-każ ir-raġuni għall-astensjoni ma tinsabx radikata fuq ebda *riluttanza*, u *lanqas fuq xi raġuni* ta' ksur tal-paċi familjari;

Peress li l-mara ta' l-akkużat hi ammessa, skond il-liġi, tixhed meta d-delitt ikun sar kontra tagħha;

Rat l-art. 629 tal-Kodiċi Kriminali;

Teżerċita d-diskrezzjoni tagħha fis-sens li ġġiegħel lixxhud Ġanna Cutajar tixhed.